



Brussell, 24 ta' Ottubru 2023
(OR. en)

14417/23

LIMITE

IXIM 196
CRIMORG 141
ENFOPOL 434
ENFOCUSTOM 112
JAI 1338
N 85

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.:	8796/23, 8798/23, 8912/23
Suġġett:	"Ftehim ta' Prüm" man-Norveġja – Abbozz ta' Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill li tiddetermina d-data minn meta d-data personali marbuta mal-profil tad-DNA, id-data dattiloskopika u d-data tar-reġistrazzjoni tal-vetturi tkun tista' tingħata mill-Istati Membri lin-Norveġja

Id-delegazzjonijiet isibu fl-Anness l-abbozz ta' Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill imsemmija hawn fuq.

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL (UE) 2023/...

ta' ...

dwar id-determinazzjoni, skont l-Artikolu 8(10) tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Iżlanda u n-Norveġja dwar l-applikazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/615/ĠAI dwar it-titjib fil-kooperazzjoni transkonfinali, b'mod partikolari fil-ġlieda kontra t-terroriżmu u kriminalità transkonfinali u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/616/ĠAI dwar l-implimentazzjoni tad-Deċiżjoni 2008/615/ĠAI dwar it-titjib fil-kooperazzjoni transkonfinali, b'mod partikolari fil-ġlieda kontra t-terroriżmu u kriminalità transkonfinali, u l-Anness tagħha, tad-data minn meta d-data personali marbuta mal-profilu tad-DNA, id-data dattiloskopika u d-data tar-reġistrazzjoni tal-vetturi tkun tista' tingħata mill-Istati Membri lin-Norveġja

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/482/UE tas-26 ta' Lulju 2010 dwar il-konklużjoni tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Iżlanda u n-Norveġja dwar l-applikazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/615/ĠAI dwar it-titjib fil-kooperazzjoni transkonfinali, b'mod partikolari fil-ġlieda kontra t-terroriżmu u kriminalità transkonfinali u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/616/ĠAI dwar l-implimentazzjoni tad-Deċiżjoni 2008/615/ĠAI dwar it-titjib fil-kooperazzjoni transkonfinali, b'mod partikolari fil-ġlieda kontra t-terroriżmu u kriminalità transkonfinali, u l-Anness tagħha¹,

¹ ĠU L 238, 9.9.2010, p. 1.

Billi:

1. Il-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Iżlanda u n-Norveġja dwar l-applikazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/615/ĠAI dwar it-titjib fil-kooperazzjoni transkonfinali, b'mod partikolari fil-ġlieda kontra t-terroriżmu u kriminalità transkonfinali u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/616/ĠAI dwar l-implimentazzjoni tad-Deċiżjoni 2008/615/ĠAI dwar it-titjib fil-kooperazzjoni transkonfinali, b'mod partikolari fil-ġlieda kontra t-terroriżmu u kriminalità transkonfinali, u l-Anness tagħha ("il-Ftehim") jipprevedi l-kooperazzjoni reċiproka bejn l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi kompetenti tal-Istati Membri, minn naħa, u n-Norveġja, min-naħa l-oħra, dwar it-tqabbil awtomatizzat tal-profilu tad-DNA, id-data dattiloskopika u d-data tar-reġistrazzjoni tal-vetturi. Bħala prerekwiżit għal tali kooperazzjoni, l-ewwel jeħtieġ li n-Norveġja tieħu l-miżuri ta' implimentazzjoni neċessarji u ssirilha evalwazzjoni mill-Unjoni.
2. Il-Ftehim huwa vinkolanti għall-Unjoni u għall-Istati Membri tagħha bis-saħħa tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2010/482, li hija bbażata fuq l-Artikoli 82(1)(d) u 87(2)(a) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea bħala l-bażi legali sostantiva tagħha.
3. F'konformità mal-Artikolu 8(9) tal-Ftehim, il-forniment mill-Istati Membri ta' data personali previst skont dak il-Ftehim ma għandux isir qabel ma d-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu 6 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/615/ĠAI² jiġu implimentati fil-liġi nazzjonali tan-Norveġja. Sabiex jiġi vverifikat jekk dan hux il-każ tan-Norveġja, għandhom isiru żjara ta' evalwazzjoni u prova pilota simili għal daww konklużi fir-rigward tal-Istati Membri skont il-Kapitolu 4 tal-Anness għad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/616/ĠAI³.

² Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/615/ĠAI tat-23 ta' Ġunju 2008 dwar it-titjib tal-kooperazzjoni transkonfinali, b'mod partikolari fil-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-kriminalità transkonfinali (ĠU L 210, 6.8.2008, p. 1).

³ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/616/ĠAI tat-23 ta' Ġunju 2008 dwar l-implimentazzjoni tad-Deċiżjoni 2008/615/ĠAI dwar it-titjib tal-kooperazzjoni transkonfinali, b'mod partikolari fil-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-kriminalità transkonfinali (ĠU L 210, 6.8.2008, p. 12).

4. L-Artikolu 8(10) tal-Ftehim jagħti setgħat ta' implimentazzjoni lill-Kunsill bil-ħsieb li tiġi ddeterminata d-data jew id-dati minn meta d-data personali tista' tingħata mill-Istati Membri lin-Norveġja skont il-Ftehim.
5. Fis-17 ta' Novembru 2021, il-Kunsill baġhat lin-Norveġja kwestjonarji dwar il-protezzjoni tad-data u l-iskambju awtomatiku ta' profili tad-DNA, id-data dattiloskopika u d-data tar-reġistrazzjoni tal-vetturi. Fil-15 ta' Ġunju 2022, in-Norveġja tat lill-Kunsill it-tweġibiet tagħha għall-kwestjonarji dwar il-protezzjoni tad-data u l-iskambju awtomatiku ta' profili tad-DNA, u fis-17 ta' Novembru 2022 it-tweġibiet tagħha għall-kwestjonarji dwar id-data dattiloskopika u d-data tar-reġistrazzjoni tal-vetturi. Fis-16 ta' Settembru 2022, it-tweġibiet dwar il-protezzjoni tad-data ġew ippreżentati lill-Kunsill. Fl-10 ta' Novembru 2022, it-tweġibiet dwar l-iskambju awtomatiku ta' profili tad-DNA ġew ippreżentati lill-Kunsill, u fl-1 ta' Diċembru 202, dawk dwar id-data dattiloskopika u d-data tar-reġistrazzjoni tal-vetturi. Wara dan, dawk it-tweġibiet ġew ipprovduti lit-tim ta' evalwazzjoni responsabbli.
6. Fid-9 u l-10 ta' Marzu 2023, in-Norveġja għaddiet minn evalwazzjoni fir-rigward tat-tiftix u t-tqabbil ta' profili tad-DNA u data dattiloskopika. Fis-27 u t-28 ta' April 2023, in-Norveġja għaddiet minn evalwazzjoni fir-rigward tat-tiftix u t-tqabbil tad-data tar-reġistrazzjoni tal-vetturi.
7. Meta saru l-evalwazzjonijiet fir-rigward tat-tiftix u t-tqabbil tal-profil tad-DNA, id-data dattiloskopika u d-data tar-reġistrazzjoni tal-vetturi, għal kull evalwazzjoni minnhom in-Norveġja wettqet b'suċċess prova pilota mal-Awstrija.
8. Fil-15 ta' Mejju 2023 ġie ppreżentat lill-Kunsill rapport ta' evalwazzjoni ġenerali, li jagħti sinteżi tar-riżultati tal-kwestjonarju, taż-żjara ta' evalwazzjoni u tal-prova pilota. Ir-rapport ta' evalwazzjoni kkonkluda li l-implimentazzjoni tal-applikazzjoni tad-data awtomatizzata u l-fluss ta' informazzjoni tad-data awtomatizzata relatat jistgħu jitqiesu li ġew konklużi fin-Norveġja, kemm fil-livell legali kif ukoll f'dak tekniku.

9. Peress li n-Norveġja ssodisfat il-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 8 tal-Ftehim, jenħtieġ li n-Norveġja tkun intitolata li tirċievi data personali skont il-Ftehim.
10. L-Irlanda hija marbuta bil-Ftehim bis-saħħa tad-Deċiżjoni (UE) 2010/482 u għalhekk qed tieħu sehem fl-adozzjoni u l-applikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni, li timplimenta l-Ftehim.
11. F'konformità mal-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll Nru 22 dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, id-Danimarka mhijiex qed tieħu sehem fl-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni u mhijiex marbuta biha jew suġġetta għall-applikazzjoni tagħha,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Għall-finijiet tat-tiftix u t-tqabbil awtomatizzati tal-profil tad-DNA, id-data dattiloskopika u d-data tar-reġistrazzjoni tal-vetturi, id-data personali tista' tingħata lin-Norveġja mill-Istati Membri skont il-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, l-Iżlanda u n-Norveġja dwar l-applikazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/615/ĠAI dwar it-titjib tal-kooperazzjoni transkonfinali, b'mod partikolari fil-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-kriminalità transkonfinali, u tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/616/ĠAI dwar l-implimentazzjoni tad-Deċiżjoni 2008/615/ĠAI dwar it-titjib tal-kooperazzjoni transkonfinali, b'mod partikolari fil-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-kriminalità transkonfinali, kif ukoll tal-Anness tagħha sa minn ...

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi ...,

Għall-Kunsill

Il-President